KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.3.2007
KUMM(2007) 117 finali

2007/0044 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda u r-Repubblika ta' l-Użbekistan min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni (FPK) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Użbekistan min-naħa l-oħra, hu ftehim "imħallat", li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999, jiġifieri qabel it-tkabbir ta' l-Unjoni biex tinkludi lir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija. Għaldaqstant jinħtieġ li jitħejja Protokoll għall-FPK li jippermetti l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fil-Ftehim, skond l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni anness mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-25 ta' April 2005.

Fit-23 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda n-negozjati, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, mar-Repubblika ta' l-Użbekistan bil-ħsieb li tikkonkludi Protokoll għall-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni.

Sussegwentement in-negozjati mar-Repubblika ta' l-Użbekistan intemmu. Mehmuż hawn it-test tal-protokoll innegozjat.

Il-proposti mehmuża huma għal (1) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll u (2) Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill għandu:

– Jieħu deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni temporanja tal-Protokoll f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha;

– Jikkonkludi l-Protokoll f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll mill-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

2007/0044 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda u r-Repubblika ta' l-Użbekistan min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Użbekistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri fi [GĦANDHA TIŻDIED ID-DATA] skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru…..

(2) Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Protokoll ġie applikat fuq bażi temporanja sa mill-1 ta' Jannar 2007.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi konkluż,

---

[1] Ir-referenza tal-ĠU għadha trid tiżdied.
[2] Ir-referenza tal-ĠU għadha trid tiżdied.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Użbekistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

It-test tal-Protokoll jinsab anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu […] tal-Protokoll. Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess waqt jagħti din in-notifika f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS

PROTOKOLL

GĦALL-FTEHIM TA' PARTENARJAT U KOOPERAZZJONI bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Użbekistan, min-naħa l-oħra (FPK), dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fil-FPK.

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA’ ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn ’il quddiem imsejħa 'l-Istati Membri tal-KE', irrappreżentati mill-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea, u

MILL-KOMUNITÀ EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TA' L-ENERĠIJA ATOMIKA,

minn hawn ’il quddiem imsejħa 'il-Komunitajiet' irrappreżentati mill-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea u mill-Kummissjoni Ewropea,

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TA' L-UŻBEKISTAN

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa 'il-Partijiet' għall-għanijiet ta' dan il-Protokoll,

WARA LI KKUNSIDRAW id-dispożizzjonijiet tat-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiza, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Iżvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea), u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, li ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005 u li ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007,

WARA LI KKUNSIDRAW is-sitwazzjoni ġdida fir-relazzjonijiet bejn ir-Repubblika ta' l-Użbekistan u l-Unjoni Ewropea li joħorġu mill-adeżjoni fl-UE ta' żewġ Stati Membri ġodda, li tiftaħ opportunitajiet ġodda u li ġġib magħha sfidi għall-kooperazzjoni bejn ir-Repubblika ta' l-Użbekistan u l-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JQISU x-xewqa tal-Partijiet li jiżguraw il-ksib u t-twettiq ta' l-għanijiet u l-prinċipji tal-FPK;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija għandhom ikunu Partijiet fil-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni li jistabbilixxi partenarjat bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Użbekistan, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Firenze fil-21 ta' Ġunju 1996 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999 (minn hawn 'il quddiem 'il-Ftehim') u għandhom rispettivament jadottaw u jieħdu nota bl-istess mod, tat-testi tal-Ftehim, kif ukoll tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti, Skambji ta' Ittri u d-Dikjarazzjonijiet mir-Repubblika ta l-Użbekistan annessi ma' l-Att Finali ffirmat fl-istess data u l-Protokoll għall-Ftehim tat-30 ta' April 2004, li daħal fis-seħħ fl-1 ta'Novembru 2005.

Artikolu 2

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim.

Artikolu 3

1. Dan il-Protokoll għandu jkun approvat mill-Komunitajiet, mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri, u mir-Repubblika ta' l-Użbekistan skond il-proċeduri tagħhom stess.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-twettiq tal-proċeduri korrispondenti msemmija fil-paragrafu preċedenti. L-istrumenti ta' approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu ta' l-aħħar strument ta' approvazzjoni.

2. Sakemm tasal id-data li jidħol fis-seħħ, dan il-Protokoll għandu japplika temporanjament b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 5

1. It-testi tal-Ftehim, l-Att Finali u d-dokumenti kollha annessi miegħu, kif ukoll il-Protokoll għall-Ftehim tat-30 ta' April 2004, huma miktuba bil-lingwa Bulgara u dik Rumena.

2. Huma annessi ma' dan il-Protokoll u huma awtentiċi daqs it-testi fil-lingwi l-oħra kollha li fihom huma miktuba l-Ftehim, l-Att Finali u d-dokumenti annessi miegħu, kif ukoll il-Protokoll tal-Ftehim tat-30 ta' April 2004.

Artikolu 6

Dan il-Ftehim huwa miktub b'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana,

Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża u Użbeka, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa ugwalment awtentiku.

Magħmul fi.... fi.... fis-sena 2007

GĦALL-ISTATI MEMBRI

GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

GĦAR-REPUBBLIKA TA' L-UŻBEKISTAN